MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 23/2007

**Fl-atti tac-cedola ta' depositu 129/07 ta' P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valetta p.l.c. (C 2833) wara l-mandat ta' sekwestru numru 3421/06 fl-ismijiet Aaron u Michelle konjugi Galea (ID 472880(m) u 205181(m) vs Charles u Doris konjugi Vella ID 116065(m) u 466062(m)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors urgenti in esami li bih Charles u Doris konjugi Vella, wara li ppremettew li huma gew notifikati bil-mandat ta' sekwestru 3421/06 u s-sussegwenti cedola ta' depozitu tal-Bank of Valetta plc;

Illi l-esponent ragel Charles Vella huwa impjegat mal-gvern fil-garage tal-gvern il-Marsa fejn il-paga tieghu tidhol fil-Bank of Valetta plc mill-principal tieghu il-gvern, li

tammonta ezatt ghal Lm362 liema paga sa l-ammont ta‘ Lm300 zgur hija privileggjata min kull sekwestru jew qbid u preferetu minn kull jedd iehor sew jekk fi privilegg u jew ipotekarju u li ghalhekk umilment qed l-esponenti jitlob li ma ghandhomx jigu maqbuda l-ammont li ghandu prezentament fil-bank li huwa l-ammont ta’ Lm274 kif indikat f’dina c-cedola u kull ammont iehor sa dak li bi dritt huwa ghandu jkollu skond il-ligi biex jghix mix-xoghol moghti lilu mill-principal tieghu bhala paga ghalih ghall-martu u t-tlett itfal li ghandu w cioe il-familja;

Jinghad wkoll li fl-istess bank tidhol wkoll c-childrens’ allowance li tammonta ghal Lm133 kull tlett xhur li dawn wkoll huma privileggjati skond il-ligi;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti li sa l-ammonti privileggjati (ara Kap 135 tal-Ligijiet ta’ Malta, artikli 25, 26 u 27 dwar il-kundizzjonijiet ta’ l-Impjieg), meta l-paga tithallas mill-Principal f’dan il-kaz il-gvern, li bi procedura stabilita jiddepozita l-paga ta’ kulhadd (l-impjegati kollha minghajr eccezzjoni) f’bank lokali, dawn ma jistghux jigu suggett ta’ sekwestru sal-ammont privileggjat, il-Qorti ghandha tordna li l-Bank of Valetta plc ma ghandhux jiddepozita u jissekwestra w rillaxxja l-ammont hekk privileggjat minn kull sekwestru li sad-data tar-rikors ghadu in vigore u li ghalhekk il-Qorti ghandha thassar id-digriet taghha tad-29 ta’ Dicembru 2006 u tirriformah skond il-ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ghar-rikors tas-sekwestrati Charles u Doris konjugi Vella ipprezentat fit-30 ta’ Jannar 2007 u li biha (fol 14 tal-atti) esponiet bir-rispett:

Illi l-ewwelnett u qabel kollox l-esponenti tixtieq tippreciza illi, kif kienet tenuta taghmel in segwitu ghal Mandati ta’ Sekwestru numru 3421/06 datatat 29 ta’ Dicembru 2006, hija u dak bin-numru 684/06 datat 27 ta’ Marzu 2006 hija ghaddiet biex iddepozitat taht l-Awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti is-somma ta’ mitejn u tlieta u erbghin liri Maltin (Lm243) li kellha ta’ pertinenza tas-sekwestrati permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 3421/06. U ghalhekk umilment tissottometti illi l-ewwel talba tar-rikorrenti biex l-

esponenti “ma jiddepozitax” ma tistax tintlaqa gialadarba l-flus gew depozitati insegwitu ghall-imsemmija ordnijiet tal-Qorti.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti ukoll umilment tirrileva illi l-esponenti m’ghandha l-ebda kontroll dwar dak li jista jigi depozitat f’xi kont bankarju li jista jezisti f’isem ir-rikorrenti mal-Bank of Valletta p.l.c. u cioe’ l-esponenti m’hijiex f’pozizzjoni li tiddeciedi liema flus jidhlu fl-imsemmija kontijiet, imma jekk jezistu kontijiet bankarji f’isem ir-rikorrenti, hija tenuta li taccetta kwalsiasi depozitu provenjenti minn kwalsiasi sors legali, sia jekk dan ikun hlas ta’ paga, jew children’s allowance kif imsemmi fir-rikors u sia jekk ma tkunx.

Illi, l-esponenti umilment tissottemetti illi jekk it-talba tar-rikorrenti kif intavolata tigi milqugha, kwalsiasi somma ta’ flus li tigi depozitata fl-imsemmi kont gejja minn fejn hija gejja tkun ezenti mill-effetti tal-imsemmi Mandat ta’ Sekwestru u dan irid jittiehed in konsiderazzjoni vis a vis l-ordni moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti permezz tal-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti ukoll tissottometti illi gia ladarba l-flus ikunu gew depozitati fil-kont, anke jekk dawn ikunu provenjenti minn pagi jew childrens’ allowance kif isostnu ir-rikorrenti, dawn jitilfu n-natura ta’ paga jew children’s allowance u jithaltu ma’ flus ohra illi talvolta jista jkun hemm fil-kont bankarju u ghalhekk ma jistghux ikunu regolati bl-effetti tal-kapitolu 135 tal-Ligijiet ta’ Malta jew b’dawk tal-artikolu 381(1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet.

Illi, l-esponenti umilment tissottometti ukoll illi biex il-paga tar-rikorrenti ma tigix kolpita fl-imsemmi Mandat ta’ Sekwestru, ir-rikorrenti ghandhom rimedji ohra fil-ligi.

Illi subordinament u minghajr ebda pregudizzju il-Mandat inhareg mhux talba tal-esponenti imma fuq talba tas-sekwestranti u kwalsiasi somma ta’ flus maqbuda u depozitata tigi hekk maqbuda jew depozitata fuq ir-

responsabbilta' tas-sekwestranti li talbu u ottenew il-hrug tal-imsemmija Mandati ta' Sekwestru.

Illi, l-esponenti taghmel ukoll referenza ghal Digriet moghti minn Din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2793/06 fl-ismijiet "Bartolo vs Sammut et" fejn talbiet simili gew michuda minn Din l-Onorabbli Qorti.

Umilment issottomettiet illi r-rikors odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat dak verbalizzat mill-intimati waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2007 u kif ukoll ir-risposta tal-intimat (a fol 19 ibid) u li biha esponew bir-rispett:-

Illi b'referenza ghar-rikors intavolat mill-esponenti sabiex jigu rilaxxati flejjes kolpiti mill-Mandat ta' Sekwestru 3421/2006 l-esponenti jixtiequ jgibu s-segwenti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi huma ma ghandhom l-ebda oggezzjoni li jigu rilaxxati flejjes fl-ammont privileggjat skond il-Ligi, b'danakollu huma qeghdin izommu fermi l-pretensjonijiet taghhom fil-konfront ta' flejjes li jeccedu l-ammont privileggjat, u ghaldaqstant huma jinsistu li l-mandat ta' sekwestru odjern ghandu jibqa' in vigore b'referenza ghal flejjes ulterjuri.

Tant ghandhom unur jissottomettu l-esponenti a savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Semghet lir-rikorrenti u l-bank involut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-atti ta' dan il-kaz:-

a) Fit-30 ta' Marzu 2006, l-intimati permezz ta' ittra ufficjali presentata, a basi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kienu interpellaw ir-rikorrenti ghall-hlas tas-somma ta' Lm5000.

b) L-istess ittra ufficjali jidher li giet reza esekuttiva a basi tal-istess artikolu citat, fil-15 ta' Lulju 2006 kif jidher a fol 7 tal-istess atti.
c) Sussegwentement, l-istess intimati ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 3421/06 ghall-istess ammont u in esekuzzjoni tal-istess ittra ufficjali (fol 4 et seq ibid).
d) Fost is-sekwestratarji, jidher li kien hemm il-"Bank of Valletta p.l.c." u dan korrettement u skond il-ligi, permezz ta' cedola ta 'depositu numru 129/07, imsemmija fir-rikors promotur, izda b'numru iehor 3421/06 lir-risposta tal-istess Bank giet depozitata fil-Qorti s-somma ta' Lm274 jew ta' Lm243 kif hemm imnizzel fir-risposta relattiva.

Illi l-kaz in desamina hi kawza diretta tas-sistema ta' "direct credit" uzata mill-Gvern billi kull paga, salarju, "allowance' u pensjoni dovuti lill-impjegati jew ex impjegati tieghu huma direttament kreditati f'kont bankarju a scelta tal-istess impjegat. Konsegwentement jista' jigri bhal dak li gara fil-kaz in desamina fis-sens illi s-salarju governattiv dovut lir-rikorrenti kif gie kreditat fil-kont bankarju tieghu gie mal-ewwel sekwestrat skond l-ordni tal-Qorti. Dwar dan il-punt, jidher li l-Bank involut agixxa korrettament in vista li kif inghad fir-risposta tal-istess Bank "… hija tenuta li taccetta kwansiasi depostiu provenjenti minn kwalsiasi sors legali, sia … paga jew childrens' allowance ….".

Illi, pero', oltre dak li ntqal fir-rikors promotur dwar il-fatt li salarju u "children's allowance" bhala privileggjati a basi tal-artikolu 25, 26 u 27 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tistax ma ssir referenza ghall-artikolu 381(1) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif abbinat 382(1) tal-istess Kapitolu 12. Hawnhekk jinghad illi salarju u "allowances" ma humiex soggetti ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru b'dan li meta dawn jeccedu tlett mitt lira Maltin fix-xahar, il-Qorti fuq rikors tal-kreditur tista' tordna l-hrug tal-imsemmi mandat fuq dik il-parti li teccedi dan l-ammont.

Illi jidher f'dan il-kaz illi avolja ma sarx mandat ta' sekwestru, direttament fuq is-salarju u "children's

allowance" dovuti lir-rikorrent, xorta wahda qed jkun soggetti ghal dan malli dawn qed jigu depositati
fil-Bank involut. Certament, din is-sitwazzjoni ghandha tigi rimedjata ladarba il-mandat ta' sekwestru in esami ghadu "in vigore" sallum.

Illi l-Qorti studjat bir-reqqa x'rimedju kien disponibbli ghaliha fic-cirkostanzi presenti u li ghadhom esistenti sad-data tallum u waslet ghall-konkluzzjoni li:-

a) Ma tistax tiddikjara, b'xi mod, illi l-istess mandat jew c-cedola ta' depositu saru kontra l-ligi.
b) Pero, Hi tista, mid-data tallum stess tordna lill-istess Bank illi jirrendi desponibbli lir-rikorrenti s-somma ta' <u>Lm300 fix-xahar bhala massimu</u> u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u sakemm tibqa issehh, f'dan il-kaz is-sistema ta' 'direct credit' tas-salarju u children's allowance msemmija.
c) Minhabba hekk, it-talba in esami kif maghmula ma tistax tigi akkolta izda minflok ghandha taghti r-rimedju kif imnizzel fil-paragrafu (b).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara illi l-bank involut agixxa skond il-ligi u li ma tistax thassar id-digriet Taghha tad-29 ta' Dicembru 2006 qed timmodifika l-istess digriet billi tordna li, millum il-quddiem, il-"Bank of Valletta p.l.c." jirrendi disponibbli lir-rikorrenti s-somma ta' Lm300 fix-xahar bhala [1]massimu sakemm jibqa' fis-sehh il-mandat ta' sekwestru numru 3421/06 u sakemm tibqa' fis-sehh is-sistema tad-Direct Banking" tas-salarju u "children's allowance". In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, tordna li dawn jithallsu bla taxxa bejn ir-rikorrenti u l-intimati Aaron u Michelle konjugi Galea. Tordna, ukoll, in-notifika ta' dan id-digriet lill-"Bank of Valletta p.l.c.".

---

[1] *il-kliem minn "massimu" sa "allowance" mizjudin permezz ta' digriet kamerali moghti fit-22 ta' Frar 2007 mill-istess Qorti.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------